MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru 933/2008

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Mary Rose Dalli

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ta’ karta ta’ identità numru 26366(M), akkuzat talli:

1. filwaqt li kienet hdejn ir-residenza taghha li tinsab fil-fond: Nru. 150, li jinsab fi Triq iz-zewg Mini gewwa l-Isla, nhar it-22 ta’ Lulju, 2008, ghal habta tat-8.15 ta’ fil-ghaxija, volontarjament ikkawzat hsara volontarja fuq il-vettura ta’ lewn bajdani, ta’ l-ghamla Toyota, mudell Vitz u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni JBL-102, liema danni jammontaw ghal €206.14, ghad-dannu ta’ Martin Dalli miz-Zurrieq u persuni ohra:

2. fl-istess data, hin u lok, ingurjat u heddet lil Martin Dalli miz-Zurrieq u lil Chantelle Gilford minn Bormla.
3. fl-istess data, hin u lok, qalet fil-pubbliku kliem oxxen u indecenti.
4. fl-istess data, hin u lok, volontarjament kisret il-buon ordni u l-kwiet pubbliku.
5. fl-istess data, hin u lok, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Chantelle Gilford u Martin Dalli, weggathom bi kliem jew b'xi mod iehor.
6. fl-istess data, hin u lok, stiednet ghall-glied lil Chantelle Gilford minn Bormla ghall-glied.

Il-Qorti mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Jidher li l-kawza ta' dawn il-proceduri hu argument li inqala' bejn l-imputata u zewgha, illum separati u sehh meta zewgha mar fejn ir-residenza taghha bil-vettura tieghu, akkompanjat b'zewg nisa ohra.

Minnu dak konstatat ma gara assolutament xejn lil hemm mill-limiti li soltu jikkaratterizaw sitwazzjonijiet simili.

Hi l-fehma tal-Qorti anke fuq l-iskorta tal-ammissjoni tal-imputata li tadotta l-liberatorja fuq il-bazi tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mill-lum u dana wara li rat l-Artikolu 325(b), 339(c), 338(bb), 338(dd), 252(1) u 17 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputata t-tifsira ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------